MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1359/2003

**Patrick Pillon ghan-nom u in rapprezentanza tal-bank BNP Paribas (Suisse) S.A. u b'nota tal-15 ta' Marzu 2004 Dr. Carmel Chircop assuma l-atti bhala mandatarju specjali ta' BNP Paribas (Suisse) S.A. minflok Patrick Pillon.**

**vs.**

**Smarta Navigation Ltd (C 29236).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Dicembru 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-attur, il-bank esteru BMP Paribas (Suisse) S.A (Bank) fost il-klijenti tieghu ghandu lis-socjeta` estera Mark Man (UK) Ltd, li skont il-bilanc tal-kotba kurrenti sal-31 ta' Dicembru 2002 l-istess socjeta` kienet debitrici tal-Bank fl-ammont ta' circa hdax-il miljun Dollaru Amerikan (USD 11,000,000).

Illi bhala garanzija ghad-debitu taghha s-socjeta` Mark Man (UK) Ltd tat lil Bank '*pledge*' fuq id-dokumenti u l-merkanzija taghha, inkluz fosthom diversi poloz ta' karigu li gew konsenjati u assenjati lil Bank, rappresentanti merkanzija mixtrija mill-istess socjeta` Mark Man (UK) Ltd u moghbija mill-port tal-Ukraina.

Illi r-recevitur tal-merkanzija kienet is-socjeta` Olandiza Nidera Handelscompagnia B.V li kellha ticievi l-merkanzija u thallas il-Bank il-valur tal-merkanzija.

Illi l-merkanzija in kwistjoni kienet giet mghobbija abbord il-bastiment registrat Malta bl-isem 'SMARTA', proprjeta` tas-socjeta` konvenuta Smarta Navigation Ltd.

Illi l-attur sar jaf illi l-kaptan tal-bastiment Smarta rrilaxxa u konsenja l-imsemmija merkanzija lil terzi gewwa l-port ta' Tarragona, Spanja minghajr presentazzjoni tal-poloz ta' karigu u minghajr ebda awtorizazzjoni da parti tal-Bank bhala detentur tal-poloz ta' karigu originali. Rizultat ta' dan l-agir abbuziv u rresposabbli, il-Bank sofra danni *stante* li ma rceviex hlas tal-valur tal-merkanzija.

Illi l-Bank ghadu fil-possess tal-poloz ta' karigu originali li jgibu l-firma u s-sigill tal-kaptan tal-bastiment Smarta proprjeta` tas-socjeta konvenuta.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli tad-danni sofferti mill-attur.

2. Tillikwida l-imsemmija danni.

3. Tikkundana s-socjeta` konvenuta thallas l-attur id-danni hekk likwidati bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali u s-socjeta` konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 2 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol. 69 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-10 ta' Marzu 2004.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 28 ta' Jannar 2004 a fol. 75 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi c-citazzjoni hija irrita u nulla *stante* li giet ipprezentata, u d-dikjarazzjoni mahlufa, minn certu Patrick Pillon li mhuwiex residenti Malta u ghalhekk is-socjeta` attrici estera ma hijiex idonejament rapprezentata f'din il-kawza skont il-ligi.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju jew din il-kawza ghandha titwaqqaf *stante* li qeghdin jittiehdu l-istess proceduri fuq il-mertu mis-socjeta` attrici kontra l-eccipjenti fl-Olanda, u jekk titkompla f'Malta din il-kawza, tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall-eccipjenti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, *stante* illi l-attur esebixxa biss kopji sfuzi tal-poloz tal-kariki, l-eccipjenti tirriserva l-posizzjoni legali taghha wara li tanalizza d-dokumenti kollha prodotti mill-attur f'dan ir-rigward.

4. Illi preliminarjament il-gudizzju mhuwiex integru *stante* li l-azzjoni hija dedotta biss kontra l-eccipjenti, u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Illi preliminarjament ukoll *stante* illi s-socjeta` eccipjenti mxiet skont il-klawsola tac-charterparty bejnha u s-socjeta` Mark Man Chatering Ltd., ghandha tigi kjamata fil-kawza l-istess socjeta` Mark Man Chartering Ltd.

6. Illi fil-mertu, u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq esposti, fil-konfront tal-eccepjenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici *stante* illi l-eccipjenti ma hijiex responsabbli ghall-ebda danni allegati mis-socjeta` attrici billi hija mxiet skont ic-*charterparty agreement* bejnha u bejn is-socjeta` Mark Man Chartering Ltd. (Dok “TG 1”).

7. illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonjiet fuq esposti, fil-konfront tal-eccipjenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici a bazi tal-**Hague Rules li japplikaw ghall-kaz in kwistjoni, in partikulari 2 tal-artikolu 4**.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjru illi jistghu ikunu kompetenti lill-eccipjenti skont il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol. 77 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien ma’ dokument immarkat bhala Dok “TG 1” a fol 78 *et sequitur* tal-process.

Rat in-nota ta’ Dr. Carmel Chircop datata 15 ta’ Marzu 2004 a fol 100 tal-process li permess taghha assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju specjali ghan-nom ta’ BNP Paribas (Suisse) S.A. minflok Patrick Pillon.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta dwar l-ewwel eccezzjoni taghha datata 13 ta’ April 2004 a fol 101 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-attur dwar l-ewwel eccezzjoni datata 20 ta’ April 2004 a fol 105 tal-process.

Rat in-nota tal-attur *noe* datata 28 ta’ April 2004 a fol 134 tal-process li permezz taghha esebew dikjarazzjoni tal-bank esteru BNP Paribas (Suisse) S.A. rigward l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April 2004 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn giet trattata l-ewwel eccezzjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghall-25 ta’ Gunju 2004.

Rat in-nota tal-avukat Carmel Chircop datata 6 ta’ Ottubru 2004 a fol. 138 tal-process li biha nforma lill-Qorti illi l-esponenti ittermina l-mandat tieghu illi jibqa’ jirrapprezenta gudizzarjament lil Bank attur BNP Pribas (Suisse) S.A.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2004 mizmuma quddiem il-Qorti diversament presjeduta fejn inghatat s-sentenza preliminari u fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta. Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Novembru 2004 ghall-kontinwazzjoni u senjatament ghal provi tat-tieni eccezzjoni.

Rat id-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta moghtija mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuchieri fis-7 ta’ Ottubru 2004 (fol 140).

Rat in-nota tal-Avukat Carmel Chircop datata 8 ta’ Ottubru 2004 a fol. 146 tal-process li permezz taghha irtira u irrevoka n-nota tieghu pprezentata fis-6 ta’ Otturbu 2004, u allura rega assuma mill-gdid l-atti tal-kawza bhala mandatarju tal-bank esteru BNP Paribaz (Suisse) S.A.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta’ Ottubru 2005 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza giet trattata ulterjorment relattivament ghat-tieni eccezzjoni. Il-kawza giet differita ghat-28 ta’ Ottubru 2005 ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni; u tat-28 ta’ Ottubru 2005 fejn inghatat sentenza in parte.

Rat l-atti pprezentati mill-partijiet inkluz n-nota attrici datat 3 ta’ Ottubru 2005 fejn giet esebita dikjarazzjoni minghand is-socjeta’ attrici datata 12 ta’ April 2005 prezentata fil-Qorti Olandiza ta’ Middleburg fejn il-Bank attur ipprometta li ma jitlobx il-qorti l-attivazzjoni tal-kawza sakemm ikun hemm decizjojni finali quddiem il-Qrati Maltin (fol. 186).

Rat id-decizjoni fuq it-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta moghtija mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuchieri fit-28 ta’ Ottubru 2005 (fol. 191) fejn tali eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta wkoll giet michuda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Jannar 2006 quddiem din l-Qorti kif hekk presjeduta fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli biex tisma’ il-provi kollha tal-partijiet.

Rat l-affidavit ta’ Patrick Pillon datat 12 ta’ Jannar 2006 (fol. 198).

Rat in-nota tal-attur *nomine* datata 18 ta’ Jannar 2006 a fol. 206 tal-process li permezz taghha esebixxa l-originali poloz ta’ karigu numerati minn 1 sa 11 ma’ kopji ta’ zewg fatturi datati 8 ta’ Jannar 2003 rigward l-istess merkanzija.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli flimkien max-xhieda quddiemha prodotta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti presjeduta tat-13 ta’ Frar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Carmelo Chircop ghall-attur *nomine* li nforma lill-Qorti li d-difensuri qed jifthemu biex isiru l-kontro ezamijiet tax-xhieda li jinsabu barra minn Malta. Il-Qorti

irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u nnominat minflokha bhala Perit Legali lill Dr. Anna Mallia sabiex tirrellatta dwar it-talbiet attrici wara li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta kollox a spejjez provizorjament attrici u l-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur *noe* datata 18 ta' Dicembru 2007 a fol. 395 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 17 ta' April 2008 a fol. 519 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia pprezentata fil-15 ta' Gunju 2009 u mahluf *seduta stante* tal-15 ta' Ottubru 2009, il-verbali tas-seduti minnha mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti kollha pprezentati, liema rapport jinsab esebit a fol. 704 *et sequitr* tal-process.

Rat in-nota ta' kritika tas-socjeta` konvenuta datata 31 ta' Mejju 2010 a fol. 784 tal-process.

Rat ir-risposta tal-attur ghan-nota ta' kritika tas-socjeta` konvenuta datata 28 ta' Lulju 2010 a fol. 795 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Carmel Chircop ghall-atturi u Dr. Tonio Grech ghall-konvenut u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-24 ta Frar 2011 u ssusegwentement giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qed tfittex lis-socjeta’ konvenuta ghad-danni li allegat sofriet talli hija rrilaxxat il-merkanzija minghajr l-approvazzjoni taghha meta kienet hija li kellha l-poloz tal-karigu ghall-merkanzija mixtrija mill-istess socjeta’ Mark Man (UK) Ltd u moghbija mill-port tal-Ukraina bhala plegg ghall-flus dovuti mis-socjeta’ Mark Man (UK) Ltd lilha fl-ammont ta’ cirka $11,000,000.

Illi s-socjeta’ konvenuta ressqet diversi eccezzjonijiet izda jigi rrilevat li s-socjeta konvenuta ddikjarat fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha datata 17 ta’ April 2008 a fol. 519 li l-eccezzjonijiet li kienu ghadhom pendenti huma eccezzjonijiet numru 6 u 7 li huma s-segwenti:-

6. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq esposti, fil-konfront tal-eccipjenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici stante illi l-eccipjenti ma hijiex responsabbli ghall-ebda danni allegati mis-socjeta attrici billi hija mxiet skond ic-*charterparty agreement* bejnha u bejn is-socjeta Mark Man Chartering Ltd. (Dok. “TG1”).

7. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq esposti fil-konfront tal-eccipjenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbali Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici a bazi tal-**Hague Rules** li japplikaw ghall-kaz in kwistjoni in partikolari **paragrafu 2 tal-artikolu 4.**

Illi ghalhekk kif irrilevat tajjeb il-Perit Legali Dr. Anna Mallia fir-rapport taghha, f’din il-kawza il-partijiet jaqblu dwar is-sekwenza tal-fatti kif graw izda mhux fuq ir-responsabbilta’.

Illi l-fatti li taw lok ghall-pendenza odjerna huma s-segwenti:-

Illi s-socjetajiet Mark Man Ltd (MML) u Mark Man (UK) Ltd. (MMUL) kienu zewg socjetajiet klijenti tal-bank attur BNP Paribas (Suisse) (PNPP)  u kienu debituri tal-istess bank attur fl-ammont ta' oltre 10 miljuni dollaru Amerikan (US$); u l-istess zewgt socjetajiet taw bhala garanziji ghal hlas tal-imsemmi debitu plegg fuq il-merkanzija u d-dokumenti ohra inkluz il-poloz ta' karigu li jirraprezentaw l-istess merkanzija relattiva indikata fuq l-istess poloz ta' karigu, u ghall dan l-iskop gew ikkonsenjati lill-Bank l-original tal-istess poloz ta' karigu.

Illi rrizulta li s-socjeta' Mark Man (UK) Ltd (MMUL) ghabbiet il-merkanzija taghha ta' qamh u ghalf tal-bhejjem abbord il-bastiment Malti Smarta gewwa l-Ukrajna fil-port ta' Odessa u tat lill-Bank attur  BNP Paribas (Suisse) SA (BNPP) tlett (3) settijiet ta' poloz ta' karigu originali *"to order"* iffirmati mill-kaptan tal-bastiment Smarta bhala garanzija tal-hlas lilha tal-prezz tal-merkanzija da parti tar-ricevitur.

Illi dawn il-poloz ta' karigu in kwistjoni huma datati u numerati rispettivament Odessa, 21.10.2002 numru 1, 23.10.2002 numru 2,3, u 4; 04.12.2002 numri 5,6,7,8,9,11 u 12; u 12.10.2002 numru 7 u 10. Din il-merkanzija kienet iffinanzjata kollha mill-Bank attur BNPP u kellha valur minimu fis-suq ta' US$3,549,017.49.

Illi l-konsennatarju u xerrej tal-merkanzija kienet is-socjeta' Olandiza, Nidera Handelscompaginie BV (Nidera) li bieghet l-istess merkanzija lil socjeta' sussidjarja taghha gewwa Spanja bl-isem Nidera Agrocomercial S.A.

Illi ghalhekk Nidera Agrocomercial S.A. kellha tircievi l-merkanzija u thallas il-prezz tal-merkanzija lil Mark Man Ltd billi tittrasferixxi l-flus fil-kont li socjetajiet Mark Man Ltd u Mark Man (UK) Ltd  kellhom mal-bank BNPP u dan kellu jsehh wara li l-bank attur jikkonsenja l-poloz ta' karigu originali lil ABN AMRO Bank li kien qed jagixxi ghan-nom ta' Nidera.  Nidera kienet qablet li thallas lil BNPP il-prezz tal-merkanzija.

Illi s-socjeta’ BNPP ikkonsenjat il-poloz ta’ karigu lil ABN AMRO Bank izda dan irritorna d-dokumenti lura lil bank BNPP fuq istruzzjonijiet ta’ Nidera ghax Nidera allegat li l-*invoices* li irceviet minghand BNPP ma kienux dawk *‘contractual’.*

Illi r-raguni ghaliex Nidera ma riedetx thallas lil BNPP tinsab f’Dok. “ATB” li fih Nidera sostniet li l-bank ma baghatx id-dokumenti sewwa fosthom li l-bank ma baghatx *l-invoice originali.*

Illi gara li l-bastiment Smarta wasal fil-port ta’ Tarragona fi Spanja nhar l-20 ta’ Dicembru 2002, hemm hatt it-taghbija ta’ ghalf fit-3 ta’ Jannar 2003 u l-qamh fis-7 ta’ Jannar 2003. Il-kaptan ikkonsenja l-merkanzija lis-socjeta’ Nidera fuq istruzzjonijiet tac-*charterer* li kienet is-socjeta’ Mark Man Chartering Limited (MMUL) u dan wara li Smarta otteniet *letter of indemnity* minghand l-istess socjeta Mark Man Chartering Limited (Dok. “AT 10 – fol. 326). B’konsegwenza ta’ dan l-bank attur BNPP baqa’ minghajr ma thallas il-prezz ta’ l-istess merkanzija li kif inghad kien gie iffinanzjat mill-bank attur stess.

Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici l-Bank BNPP tikkontendi li tali rilaxx tal-merkanzija ma setghax isir minghajr l-awtorizzazzjoni taghha peress li hija kellha u ghad ghandha fil-pussess tagha il-poloz ta’ karigu originali dwar l-istess merkanzija u ssegwi li minghajr prezentazzjoni ta’ ebda polza ta’ karigu originali da parti tar-ricevitur lil kaptan ta’ Smarta dan ma kellux jirrilaxxa lill-istess merkanzija.

Illi sabiex jissalvalgwardja l-interessi tieghu l-Bank attur BNPP arresta l-bastiment Smarta l-ewwel fl-Olanda izda minn hemmhekk dan il-vapur harab u BNPP rega arresta l-bastiment fl-Oran gewwa l-Algerija u hawn is-socjeta’ konvenuta Smarta Navigation Ltd accettat u tat lil BNPP garanzija bankarja fl-ammont ta’ US$4,615,000 sabiex tkopri l-valur tal-merkanzija, l-imghaxijiet u l-ispejjez l-ohra maghmula minn BNPP inkluz dawk in konnessjoni mal-arrest tal-bastiment Smarta fl-Olanda u l-Algerija sofferti

mill-istess socjeta’ attrici BNPP sa Dicembru 2003 data tar-rilaxx tal-bastiment mill-Algerija.

Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici BNPP qed tghid li hija kienet u ghadha il-pussessur legittimu tal-poloz ta’ karigu originali li jkopru l-merkanzija kollha li kienet abbord il-bastiment Smarta minn Odessa sa Tarragona u ghaldaqstant BNPP kien intitolat li jitlob l-konsenja favur tieghu tal-merkanzija minghand Smarta, liema konsenja Smarta ma setghatx taghmel minhabba li s-socjeta konvenuta kienet diga’ tat il-merkanzija li Nidera Agrocomercial S.A.

Illi s-socjeta’ konvenuta, tirribatti dan l-argument, u tghid li hija mhix responsabbli ghad-danni ghaliex hija rrilaxxat il-merkanzija lir-ricevitur minghajr prezentazzjoni ta’ poloz ta’ karigu originali ghaliex imxiet skond *charterparty agreement* bejnha u bejn is-socjeta Mark Man Chartering Limited (MMCL) partikolarment klawsola 40 tal-istess; u li l-prassi kienet dejjem hekk u li l-Bank attur kien ikun infurmat b’kollox u li jekk il-bank ma thallasx kien tort tieghu ghax ma baghatx lil Nidera d-dokumenti kollha kif kellu jaghmel.

Illi s-socjeta’ konvenuta tghid ukoll li mhux minnu li r-relazzjoni kontrattwali li tezisti bejn BNPP u Smarta hija bbazata fuq il-poloz tal-karigu li gew *“endorsed in blank to order”* u mizmuma bhala garanzija ghall-hlas tal-finanzjament moghti lil Mark Man Ltd (MML) u Mark Man (UK) Ltd (MMUL) u dana stante li l-poloz tal-karigu jinkorporaw espressament ic-*charter party* u li ghalhekk jifforma parti mill-poloz tal-karigu irrispettivament mill-fatt li s-socjeta’ attrici mhix parti fic-*charter party* nnifsu, b’dan ghalhekk li relazzjoni ta’ bejniethom hija ghalhekk regolata permezz tal-istess *charter party.*

Illi hawn jinghad ukoll li s-socjeta’ konvenuta tikkoncedi li Nidera ghamlet kawza lil Mark Man Ltd (MML) ghal 20 miljun dollari Amerikan (US$) u Mark Man Ltd (MML) ghamlet kontro-talba u l-kwistjoni inghalqet ghax sehhet tpacija bejniethom l-istess zewg socjetajiet.

Illi huwa pacifiku li skond il-principji legali li jirregolaw il-kaz huma li fil-kamp marittimu u l-ligijiet li jirregolaw it-trasport tal-merkanzija minn destinazzjoni ghall-ohra jikkomprendi normalment tlett fazijiet distinti: (a) il-fazi anterjuri ghat-taghbija tal-merkanzija abbord il-vapur; (b) il-fazi relattiva ghat-trasport bil-bahar; u (c) il-fazi posterjuri ghall-hatt tal-merkanzija minn fuq il-vapur. Dawn it-tlett fazijiet huma regolati mill-***Hague Rules*** illum kodifikati fil-ligi taghna permezz tal-**Kap.140** konsistenti **fl'Att dwar il-Garr ta' Merkanzija bil-Bahar.**

Illi l-polza tal-karigu (*bill of lading)* tikkonferma l-prova tat-taghbija fuq il-vapur Smarta li mhix kontestata f'dawn il-proceduri, u fil-fatt l-**artikolu 325 tal-Kodoci tal-Kummerc (Kapitolu 13**) jipprovdi dan meta jistipula li "*il-polza tal-karigu taghmel prova bejn il-partijiet kollha interessata fit-taghbija, kif ukoll bejniethom u l-assiguraturi, bla hsara ta' prova kuntrarja".*

Illi fis-sentenza **"Paola Mifsud ne vs Lorenzo Said noe et"** (K. – 30 ta' Gunju 1959) tipprovdi li:-

*"Huwa principju stabbilit li l-polza tal-karigu hija d-dokument u l-prova tat-trasport li l-kaptan jobliga ruhu li jaghmel tal-merkanzija biex jirrikonsenjaha fil-post tad-destin lil min ikollu d-dritt ghaliha skond it-termini tal-istess polza menzjonanti. Imma fil-prattika jissucciedi li l-kaptan jikkonsenja l-merkanzija lil min ikun sfornit mit-titolu wara li dan jaghmillu garanzija li jigi rilevat minn kull responsabbilita lejn it-terz possessor fil-polza tal-karigu – garanzija li tigi moghtija mir-ricevitur bil-fidejussjoni ta' Bank".*

Illi f'dan l-istadju ser tigi trattata l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta numru 6 fejn din teccepixxi li hija ma hijiex responsabbli ghad-danni allegati mis-socjeta' attrici billi hija mxiet skond ic-*charter party agreement* (Dok. "TG1") bejnha u bejn is-socjeta' Mark Man Chartering Ltd (MMCL).

Illi dwar responsabbilta' ghad-danni jinghad li in linea ta' principju jinsab enuncjat li *"hu mprexxinbibilment rikjest*

*sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza* (**Vol. XLIV P1 p343).**

Illi dan ifisser li *"perche' possa una persona ritenersi responsabile pei danni fa mestieri che chi reclaim l-indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altrese che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'istante"* (**"Giovanni Sare vs Carmelo Farrugia et" –** A.C. - 6 ta' Frar 1928).

Illi l-ligi taghna ma tipprovdi ebda definizzjonijiet la ta' l-element ta' *colpa* u lanqas tan-ness ta' kawzalita` anke jekk dawn huma kontenuti fl-espressjoni wzata fl-**artikolu 1031** li "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"* **("Falcotrans Limited vs The Cargo Handling Company Limited et"** - A.I.C. (PS) - 9 ta' Mejju 2007).

Illi l-***Antolisei*** fil**-"Manuale di Diritto Penale, Parte Generale"** Ed Giuffre 2000 para. 210) jaghmel accenn ghal zewg elementi, wiehed pozittiv u l-iehor negattiv meta jsostni li:-

"*il-positivo e' che l'uomo con sua azione abbia posto in essere una condizione dell'evento e cioe un antecedente senza il quale l'evento non si sarebbe verificato. Il negative e' che il risultato non sia dovuta al concorso di fattori eccezionali".*

Illi f'dan il-kuntest huwa rilevanti ghall-kaz in ezami l-insenjament fid-decizjoni fl-ismijiet **"Negte, Roberto Balbi – vs Negte Paolo Cutajar nominee"** (K. - 8 ta' Marzu 1880) fejn inghad li "*per stabilire la responsabilita` del capitano per la consegna di merci caricate, non e' lecito dare, alle condizioni della polizza di carico, un'estensione piu' larga, di quanto importi il senso e lo spirito, naturale delle parole usatevi".*

Illi hawn is-socjeta attrici tghid li s-socjeta' sid il-vapur Smarta hija responsabbli ghad-danni lejha minhabba li hija ghandha l-pussess legittimu tal-poloz ta' karigu

originali li jkopru l-merkanzija kollha li kienet abbord il-bastiment Smarta u li peress li Smarta rrilaxxat tali merkanzija lil Nidera Agrocomercial S.A. minghajr l-awtorizzazzjoni tal-istess Bank u wara li ottejeniet l-*"letter of indemnity"* minghand is-socojeta Mark Man Chartering Limited (MMCL) u konsengwenza ta' hekk, il-bank attur BNPP baqa' minghajr il-hlas tal-prezz ta' merkanzija li kien gie ffinanzjat minnu stess, liema hlas kien dovut lilu bhala pagament akkont tad-debitu dovut mis-socjetajiet Mark Man Ltd (MML) u Mark Man (UK) Ltd (MMUL).

Illi ghalhekk is-socjeta attrici qed tikkontendi li l-kumpanija konvenuta jew il-kaptan tal-bastiment taghha ma setghax jaghmel tali konsenja lill-entita' jew persona ohra galadarba ma kienx hemm u ma gietx pprezentata tali polza jew poloz ta' karigu originali u relattivi.

Illi minn naha l-ohra s-socjeta konvenuta tikkontendi li hija ma ghamlet xejn hazin ghaliex hija mxiet, kif ghamlet diversi drabi, skont ic-*charter party agreement* f'dan il-kaz datat 9 ta' Settembru 2002 u partikolarkment klawsola 40 tal-istess u li tali merkanzija giet konsenjata a bazi tal-*letter of indemnity* mahruga minn Mark Man Chartering Ltd (MMCL) u li jekk Nidera ma hallsitx lil bank, dan ma kienx tort taghha, izda ghax il-bank ma baghtilhiex id-dokumenti kollha kif suppost.

Illi ghalhekk id-dokumenti li fuqhom il-partijiet qed jikkontendu din ir-responsabbilta' huma principalment (a) il-poloz ta' karigu enumerati 1 sa 11 a fol. 207 *et sequitur* tal-process; (b) *c-charter party agreement* bejn is-socjeta' Mark Man Chartering Ltd u Smarta (fol. 308 *et sequitur* ) u (c) il-*letter of indemnity,* u (d) iz-zewg fatturi tas-socjeta attrici datati 8 ta' Jannar 2003 rigward l-istess merkanzija u li jammontaw ghal US$2,484,828.86 u US$1,064,189.36 rispettivament (esebiti mal-poloz ta' karigu imsemmija) u fl-ahharnett (e) dokumenti minn Nidera li juru li hija mhix ser thallas lil bank attur ghax ma baghtilhiex l-*invoices* kif suppost esebiti fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2007.

Illi dwar il-poloz ta' karigu jirrizulta li dawn jinsabu esebiti a fol. 207 *et sequitur* tal-process u enumerati minn numru 1 sa numru 11 u fihom hemm espressament is-segwenti:-

*Bill of Lading*
*To be used with charter-parties*
*Code Name : "Congenbill"*
*Edition 1994*
*The Baltic and International*
*Martime Conference (BIMCO).*

Illi minn dawn jirrizulta li:-

Polza numru 1 tirrizulta li hija endorsjata mill-Kaptan tal-vapur Smarta fil-21 ta' Ottubru 2002.

Polza numru 2 tirrizulta li hija endorsjata mill-Kaptan tal-vapur Smarta fil-23 ta' Ottubru 2002 u mill-bank attur ghan-nom ta' Mark Man (UK) Ltd;

Polza numru 3 hija endorsjata mill-Kaptan tal-vapur Smarta fil-23 ta' Ottubru 2002 u mill-bank attur ghan-nom ta' Avery Trading Corp;

Polza numru 4 hija endorsjata mill-Kaptan tal-vapur Smarta fil-23 ta' ottubru 2002 u mill-bank atttur ghan-nom ta' Cisc "Evrotech";

Polza numru 5 hija endorsjata mill-Kaptan tal-vapur Smarta fl-4 ta' Dicembru 2002 u mill-bank attur ghan-nom ta' Mark Man (UK) Ltd;

Polza numru 6 l-istess;

Polza numru 7 l-istess izda datata 12 ta' Dicembru 2002.

Polza numru 8 l-istess izda datata 4 ta' Dicembru 2002.

Polza numru 9 l-istess izda l-bank iffirma ghan-nom ta' Carrington Trading Corp u hi datata 4 ta' Dicembru 2002;

Polza numru 10 endorsjata mill-bank attur ghan-nom ta' Carrington Trading Corp u datata 12 ta' Dicembru 2002;

Polza numru 11 l-istess endorsjata mill-bank attur ghan-nom ta' Viamax Enterprises  u datata 4 ta' Dicembru 2002.

Illi dan hu konfermat minn Mark Mann Chartering Ltd (MMCL) fil-*letter of indemnity* (LOI) taghhom esebita a fol. 327 tal-process u mix-xhud tas-socjeta konvenuta Feodoridi, direttur ta' Mar Shipping Co. li kienu l-agenti tal-vapur Smarta f'Odessa (fol 359) fejn huwa jaghmel referenza ghal *"back pages"* ta' fol. 207 sa 209 li huma kollha *"endorsed in blank"*. Jghid li *"Fol 220 BNPB signed on behalf of the shipper (Mark Man UK).  Fol. 220 is stamped by the bank of behalf of the shipper in a blank endorsement and the stamp on fol 207 is the stamp of the original shipper".* Jirrizulta li l-merkanzija bdiet tinhatt fit-2 ta' Jannar 2003 sat-8 ta' Jannar 2003 u l-Bank attur BNPP jirrizulta li kien infurmat dwar dan.

Illi dwar il-*charter party agreement* jinghad fl-ktieb **"Voyage Charters",** ***Cooke, Young, Martowski, Taylor and Lambert,*** *pagna 3, Lloyd's of London Press:-*

*"A contract for the chartering of a ship is normally embodied in a printed form of charter party, agreed by the parties or their agents. Under English law there is no requirement that a contract for the services of a ship or a voyage should be made or recorded in any particular manner.  So long as the parties have reached complete agreement, a charter party signed by or on behalf of the parties is unnecessary: Lidgett vs Williams (1845).  The parties agreement may be made in the course of written exchanges or during conversations and may even by inferred from conduct, so long as the inference to be drawn is clear.  All that is required is that the parties should have reached a firm agreement upon all essential terms."*

Illi dak li huwa mportanti hu li *"l-kondizzjonijiet bejn il-partijiet ghandhom ikunu inkorporati jew fil-kuntratt ta'*

*nolagg jew fil-polza tal-karigu, jekk din tkun qed taghmel lok ghall-iehor* (**Vol. XXX P1 p707**). *Effettivament, "the bill of lading almost invariably contains words which purport to be provisions of the contract of affreightment…"* ***(Scrutton, "On Charter parties and Bills of Lading",*** 19th Edition pagna 3).

Illi dan il-ftehim sar fid-9 ta' Settembru 2002 bejn is-socjeta konvenuta u Mark Man Chartering Limited (MMCL) kumpanija registrata British Virgin Islands (fol. 308 *et sequitur)*. Il-partijiet ghamlu dawk li jissejhu *"rider clauses"* ghal dan ic-*charter party* (fol. 315) l-partijiet inkludew fost klawsoli ohra l-klawsola 40 liema klawsola tghid (fol. 322):-

*"Should no Original bills of Lading be available at discharge port or in Consignees/Receivers hands then if required by Charterers, owners to agree to discharge the cargo against a faxed letter of Indemnity duly issued on Charterers' head paper as per owners* ***usual P & I wording****, signed and stamped by the Charterers only,* ***without a bank guarantee being required****. This Letter of Indemnity shall automatically become null and void against presentation of one of three Original Bills of Lading duly accomplished.* ***In any case if bills of Lading not at discharge port Owners NEVER to allow discharge without Charterers clear written instructions.*** *The Original must be received by Owners prior to completion of discharge."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-bank kien jaf b'din il-procedura u s-socjeta' konvenuta anke pprezentat *charter party agreements* ohra bejn Mark Man Ltd. (MML) u sidien ta' vapuri ohra li ghandhom l-istess klawsola u li l-merkanzija kienet ukoll iffinanzjata mill-Bank attur BNPP; ipproduciet ukoll Dok. "AT9" konsistenti *f'e-mail* li turi li l-bank attur BNPP hallas lis-socjeta' konvenuta bhala sidien tal-vapur il-*freight* u *demurrage* skond ic-*charter party agreement.*

Illi jirrizulta wkoll li kif inghad Mark Mann Ltd. (MML) u Nidera rrangaw il-pendenzi ta' bejniethom permezz ta'

tpacija jew *set off* kif jirrizulta mid-dokument ta' Nidera stess ipprezentat mill-bank attur fis-seduti quddiem il-perit legali (Dok. "ATA") konsegwenti ghall fatt li s-socjeta' Mark Man Ltd. (MML) kienet bdiet proceduri kontra Nidera talli ma halsux tal-merkanzija fis-17 ta' Frar 2003 u fil-11 ta' Marzu 2003, u kien proprju f'dan il-kuntest u xenarju li l-komparenti hawn imsemmija ttransigew il-pendenzi ta' bejniethom permezz ta' din it-tpacija jew *set-off*.

Illi dan ikompli jikkonferma li, tal-merkanzija li twaslet go Spanja Nidera halset lil Mark Man Ltd. (MML) izda mhux lil Bank attur. Ovvjament Mark Man Ltd. (MML) tikkontendi li ma hallsu xejn u ma thallsu xejn ghax ghamlu tpacija, izda din is-sottomissjoni ma tistax tigi accettata ghaliex fil-guripridenza nostrali dejjem gie ritenut li tpacija fija nnifisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u hawn issir riferenza ghall dak li nghad fis-sentenza l-ismijiet **"Marianna Spiteri et vs Joseph Vella"** (P.A. (AJM) 3 ta' Mejju 1993) fis-sens li:-

*"l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacjut ma' ammont iehor dovut mill-kreditur."*

Illi izda minn dan hawn riprodott jirrizulta mill-provi li dak li effettivament gara kien li s-socjeta' Mark Mann Ltd (MML) nnegozjat id-debitu dovut lilha minn Nidera mad-debitu li hija kellu ma` Nidera u dan kollu jidher li sar minn wara dahar il-bank attur, ghaliex il-ftehim mieghu kien differenti fis-sens li fil-waqt li l-istess bank kellu jhallas il-*freight* u d-*demurrage*, huwa minn naha tieghu kellu jithallas minn Nidera tal-merkanzija akkont tad-dejn li Mark Mann Ltd (MML) kellhom mal-istess bank attur u dan anke u fuq kollox in forza tal-poloz ta' karigu li kienu f'idejn il-Bank ghall-istess merkanzija.

Illi dan jirrizulta li sehh wkoll minkejja li l-Bank kien jaf li l-merkanzija kienet ser tigi kkonsenjata lil Nidera Agrocomercial S.A. bhala n-*notifiying party* fuq il-poloz tal-karigu li kienu f'idejn il-bank stess u li qabel dan il-kaz BNPP qatt ma ta struzzjonijiet li l-merkanzija ma kellhiex

tinhatt *b'letter of indemnity* li mhix endorsjata minn bank, izda minn naha l-ohra l-Bank qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex l-istess merkanzija tinhatt minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu kif fil-fatt sar, u dan ghar-ragunijiet ovvji ghaliex kieku kien jitlef l-effett tal-plegg tal-poloz ta' karigu li kellhu f'idejh, li kienu l-garanzija ghall-kreditu li kellhu mas-socjetajiet debituri tieghu. B'hekk f'dan ix-xenarju din il-Qorti, taqbel mal-konkluzzjoni tal-brava Perit Legali Dr. Anna Mallia li f'dawn ic-cirkostanzi xorta jibqa' l-fatt li r-riskju haditu s-socjeta konvenuta meta kkonsenjat it-taghbija lil Nidera minghajr l-istess polza jew poloz ta' karigu, liema riskju kien jibqa' jezisti anke kieku l-*letter of indemnity* kienet tkun endorsjata minn bank, haga li ma tirrizultax li saret.

Illi hawn huwa rilevanti li jinghad ukoll li s-socjeta' attrici tikkontendi li hi mhix parti mic-*charter party* u ghalhekk ma awtorizzatx ebda rilaxx ta' merkanzija lil terzi. L-istess socjeta' attrici dejjem ikkontendiet li r-relazzjoni kuntrattwali li kienet tezisti bejn BNPP u Smarta ma hix regolata mic-*charter party agreement* izda a bazi tal-poloz ta' karigu li gew *"endorsed in blank to order"* u hekk mizmuma minn BNPP bhala garanzija ghall-hlas tal-finanzjament moghti lil Mark Man Ltd. (MML) u Mark Man (UK) Ltd. (MMUL).

Illi minn naha l-ohra s-socjeta` konvenuta tikkontendi s-socjeta` attrici kienet parti mic-*charter party agreement* bejnha u Mark Man Chartering Ltd (MMCL) tad-9 ta' Settembru 2002, u dan mhux a bazi tac-*charter party agreement* izda a bazi tal-poloz tal-karigu li gew *"endorsed in blank to order"* u mizmuma bhala garanzija ghall-hlas tal-finanzjament moghti lil Mark Man Ltd (MML) u Mark Man (UK) Ltd (MMUL) u dan stante li l-poloz tal-karigu jinkorporaw espressament ic-*charter party* u li ghalhekk dan jifforma parti mill-poloz tal-karigu irrispettivament mill-fatt li s-socjeta attrici hiex parti fic-*charter party* nnifsu.

Illi f'dan il-kuntest hija wkoll relevanti x-xhieda prodotta mill-istess socjeta' konvenuta cjoe' dik ta' Sergey Lokhov li fil-kontro-ezami tieghu tal-21 ta' Mejju 2007 jikkonferma

li BNPP mhux parti mic-*charter party agreement* u dan ifisser li galadarba l-bank ghad ghandu f'idejh poloz ta' karigu originali tal-merkanzija huwa ghandu dritt jagixxi kontra s-sid tal-vapur Smarta ghax ir-riskju hadu hu u huwa Smarta li uzat il-*letter of indemnity* biex tiehu kumpens minghand ic-*charterer* ghax fil-*letter of indemnity* c-*charterer* obliga ruhu li jaghmel tajjeb ghal dan.

Illi fil-fatt l-istess *"letter of indemnity"* moghtija minn Mark Man Chartering Ltd (MMCL) (fol. 326) (Dok. "AT10") jinghad li nharget favur Smarta Navigation Limited u fiha Mark Man Chartering Ltd (MMCL) jghid lil Smarta li l-poloz ta' karigu ma waslux u li kien proprju ghalhekk li hargu din il-*"letter of indemnity"* fis-sens li l-merkanzija tigi kkonsenjata lil min jghidu huma u li jekk ikun hemm proceduri kontra l-vapur, huma jaghmlu tajjeb sabiex il-vapur Smarta jigi rilaxxat. Jinghad li kif huma jigu in pussess tal-poloz ta' karigu originali, Mark Mann Chartering Limited (MMCL) kellhom jghaddu l-istess lil Smarta u r-responsabbilta' taghhom tieqaf hemm. Jinghad li din ir-responsabbilta' taghhom hija *in solidum* u soggetta ghal gurisdizzjoni tal-Qorti Suprema tal-Ingilterra.

Illi tenut kont ta' dan kollu jibqa' il-fatt li fil-kaz in ezami dawn il-poloz ta' karigu qatt ma gew rilaxxati mill-bank attur u s-socjeta' konvenuta rrilaxxat il-merkanzija wara li inghatat il-*"letter of Indemnity"* minn Mark Man Chartering Limited (MMCL) proprju minhabba li ma kellhiex il-polza ta' karigu originali u tali garanziija ma kienetx bil-fidejussjoni ta' Bank.

Illi jirrizulta kif gja inghad li tali poloz ta' karigu kienu suggetti ghal certi kondizzjonijiet fosthom il-*Bill of lading; to be used with charter parties; Code Name: Congenbill; Edition 1994; The Maltiv and International Maritime Conference (BIMCO)".*

Illi f'dan il-kuntest huwa relevanti dak li sostna x-xhud tas-socjeta' konvenuta Georgy Feodoridi, (direttur ta' Mar Shipping Co li kienu l-agenti tal-vapur Smarta f'Odessa tas-socjeta konvenuta) li minn naha tieghu jammetti in kontro-ezami li *"in the backpage of the bill of lading at fol.*

*207, in clause one the words “including the law and Arbitration clause” are missing and do not tally with clause one of the standard Congenbil 1994 but that in Congenbil 1990 there are no such words”.* Jghid li hadd ma tah struzzjonijiet biex jikteb *clause one* kif kitibha u li ghalih dan kien zball.

Illi jirrizulta li s-socjeta konvenuta accettat il-*letter of indemnity* minghajr ma din kienet garantita minn bank u kif jghid **JF Wilson** fil-artiklu tieghu ***“The Presentation Rule revisited 1995) LMCLQ289***:-

“*The case law on the carriage of goods by sea in virtually all jurisdictions makes it clear that the carrier takes a major risk where it delivers cargo to anyone other than the holder of an original bill of lading covering the shipment concerned.”*

Illi jigi rilevat ukoll li tali *letter of indemnity* huwa kuntratt separat u distint mill-kuntratt tal-*bill of lading* u li ghalih japplikaw ghalhekk regoli differenti specjalment ghal dak li jirrigward zmien biex taghmel kawza. Ghalhekk meta s-socjeta’ konvenuta accettat il-*letter of indemnity* hija warbet ghal kollox l-kuntratt tal-polza ta’ karigu, liema polza/poloz ta’ karigu kien/u dejjem pleggjata/i mal-bank attur.

“*The risk is that the party to whom the goods are released without production of the bill may not be entitled to take possession of them or, if so entitled will default in paying for them thus rendering the carrier liable to the lawful holder of the bill of lading for breach of contract/or conversion*.” (vide l-kaz **Zhi Jiang Kou 91991) Lloyd’s reg. 493 f’p.519).**

Illi kif sewwa sostniet ukoll il-perit legali l-kaz klassiku fuq dan il-punt hu **“Sze Hai Tong Bank Ltd vs Rambler Cycle** Co Ltd” (1959 AC576 (1959) 2 Lloyd’s Rep 114 (PC) li kien jikkoncerma *parts* tar-rota li kellhom jigu trasportati mill-Ingilterra ghal Singapore mill-bejjiegh li gew rilaxxati u konsenjati *“on the order of the carrier’s agent in exchange for a letter of guarantee issued by the*

*appellant bank to the buyer/notify party who produced no bill and never paid for the merchandise".* A propositu **Lord Denning fil-Privy Council** qal li:-

*"it is perfectly clear law that a shipowner who delivers without production of the bill of lading does so at his peril. The contract is to deliver, on production of the bill of lading to the person entitled under the bill of lading……. The shipping company did not deliver the goods to any such person. They are therefore liable for the breach of contract unless there is some term in the bill of lading protecting them".*

Illi f'dan il-kaz ghalkemm l-arrangament mill-bank attur ma' Mark Man Ltd (MML) kien li jithallas minghand Nidera, xorta jibqa' l-fatt li s-socjeta konvenuta hadet riskju meta rrilaxxat il-merkanzija minghajr il-*"bill of lading"* u *b'"letter of indemnity"* minghand ic-*charterer* minghajr garanzija bankarja.

Illi fil-kaz ***The Sormovsky 3068 ((1994) 2 Lloyd's Rep. 262 at p.272) Clarke J*** sostna li:-

*"…a master or shipowner is not entitled to deliver goods otherwise than against an original bill of lading unless it si proved to his reasonable satisfaction both that the person seeking the goods is entitled to possession of them and theat there is some reasonable explanation of what has become of the bill of lading".*

Illi huwa minnu li fil-kaz in ezami s-socjeta' konvenuta kkonsenjat t-taghbija skond l-istruzzjonijiet moghtija lilha mic-*charterer* liema struzzjonijiet l-bank attur kien jaf bihom tant li kien qed jistenna li jithallas minghand Nidera li ircevew it-taghbija izda xorta jibqa l-fatt li dan s-socjeta' konvenuta ghamlitu dejjem ghar-riskju taghha.

Illi kif gie ritenut fil-kaz **"The Houda" (1994) 2 Lloyd's Rep 541 at p 553 (C.A. per Leggatt L.J.)** fis-sens li:-

"*Under a bill of lading contract a shipowner is obliged to deliver goods upon production of the original bill of lading.*

*Delivery without production of the bill of lading constitutes a breach of contract even when made to the person entitled to possession." The reason for this stringent rule is that the master cannot know if the party seeking delivery of the cargo is really entitled to possess it unless and until an original bill of lading is produced".* (***See East West Corp vs DKBS 1912 (2003) Lloyd's Rep 239 (CA)".***

Illi l-istess jirrizulta li gara fi Franza fejn insibu li l-*carrier* jigi mehlus mir-responsabilta' biss meta jipprezenta l-bill of lading originali (**artikolu 50**) tant li nghad li "*delivery to anyone other than such a bill of lading holder is a "faute loured" engaging the civil responsibility of the carrier".* (ara **M. reond-Gouilloud, Droit Maritime**, *2 Ed 1993 at para.* **553 Cour d'Appel de Rennes January 9, 1990 DMF 19991, 262 sommaire.**

Illi l-istess hija l-posizzjoni fin-**Nordic Maritime Code 1994**, fejn dan ukoll jipprovdi li*"similarly empowers the consignee to receive the goods only if he deposits the bill of lading and gives receipts concurrently with delivery of the goods".*

Illi huwa minnu li *c-charter party agreement* jipprovdi li jindennizza lis-socjeta konvenuta ghall-konsegwenzi tar-rilaxx tal-merkanzija minghajr il-polza ta' karigu originali izda dejjem jibqa` l-fatt li dawn il-klawsoli fic-*charter party agreement* ma jobbligawx lil sid il-vapur jaghmlu dan izda jawtorizzawh jaghmel hekk u ghalhekk ir-responsabbilta` ahharija tibqa` ta' sid il-vapur, u f'dan il-kaz odejern allura din hija r-responsabbilta' tas-socjeta konvenuta. (ara **"The Houda" (1994) 2 Lloyd's Rep. 541 (C.A.).**

Illi fil-fatt gie ritenut **"The Houda" (1994)** li *"charterparties today sometimes contain clauses expressly authorizing the master to deliver without production of a bill of lading and terms of this kind have been upheld… such clauses also typically provide for an indemnity for the shipowner for the consequences of complying with such an* order". Ara wkoll **The Sagona (1984)** 1 Lloyd's Rep.194)

Illi jinghad ukoll li fic-*charter party* mertu tal-kawza odjerna fi klawsola 40 tal-istess jinghad li tali *letter of indemnity* kellha tkun skond il-*P & I rules*. Issa huwa minnu li generalment l-*P & I Clubs* ma jaghtux protezzjoni lis-sidien tal-vapuri membri taghha li jirrilaxxaw il-merkanzija minghajr ma jinsistu ghall-poloz ta' karigu  originali, izda skond l-istess P & I club, il-*letters of guarantee* kif approvati mill-International Group of P & I Clubs u partikolarment dawk l-ittri fejn il-bank huwa garanti, jaghmlu tajjeb meta l-*bills of lading* originali ma jkunux jistghu jigu rilaxxati. Illi ghalhekk tali *letter of indemnity* jew *guarantee* li kellha skond il-klawsola 40 tac-*charterparty* tohrog in konformi mal-*P & I Club*, ma hargitx effettivament skond l-istess u dan ghax fl-ewwel lok tali ittra tohrog biss meta l-poloz ta' karigu originali ma jkunux jistghu jigu rilaxxati u mhux meta min ghandu pussess ta' tali poloz ta' karigu bhala plegg jew rahan ma jirrilaxxhomx qabel ma jithalles u fit-tieni lok f'dan il-kaz ma saret ebda garanzija bankarja fuq l-istess skond kif jirrikjedu l-istess *P & I rules.*

Illi dan huwa iktar relevanti meta anke skond ix-xhieda prodotti mis-socjeta' konvenuta huwa ammess (Toskas) li r-relazzjoni mal-bank attur bdiet sejra ghall-aghar minn April 2002.

Illi dan kollu huwa konformi ma' dak li gie ritenut **"The Stone Gemini  Case (1999) 2 Lloyd's Rep. 255 (Fed C Aust)** fis-sens li *"the indemnity provided by the letter was held to cover both the claim of the bill of lading holder and the money expended or debts incurred by the vessel, including those relating to providing security, release from arrest and loss of hire".* Dan ifisser li s-socjeta' konvenuta baqghet dejjem responsabbli vis-à-vis is-socjeta' attrici abbazi tal-polza ta' karigu li baqghet fil-pussess ta' din ta' l-ahhar u kien ghalhekk li s-socjeta' konvenuta ippruvat tkopri ruhha ma' terzi, izda dan bl-ebda mod ma jezimi lill-istess mir-responsabblita' taghha fuq il-merkanzija ndikata fil-poloz ta' karigu pleggjati u fil-pussess tas-socjeta' attrici.

Illi fil-fatt inghad li **The Berger Sisar (2001) 1 Lloyd's Rep.663 (H.L.)** li *"a letter of guarantee from a bank only entitled the carrier to indemnity against any claim by cargo; it did not operate as delivery of the goods and in no way affected the liability fo the carrier for delivery without production of the bill of lading"*

Illi ssemmiet ukoll il-GAFTA fil-kontro-ezami ta' wiehed mix-xhieda u jigi rilevat *GAFTA 100 form* fil-linja numru 100 jghid: *"In the event of the shipping documents not being available on arrival for the vessel at destination, sellers may provide other documents or an indemnity entitling Buyers to obtain delivery of the goods and payment shall be made by Buyers in exchange for the same".*

Illi s-socjeta' konvenuta fin-nota ta' kritika taghha sostniet li dan ma huwiex korrett peress li hija mxiet skont ic-*charter party* u ghalhekk kienet obbligata Ii tikkonsenja l-merkanzija skond l-istess u ghalhekk imxiet in bona fede, izda dan ma jirrizultax lil din il-Qorti, anke in vista tal-fatt li nharget *'letter of indemnity mic-charterers'* li s-socjeta' attrici ma kinitx parti minnha u fl-ebda hin ma endorsjat jew accettat, u dan apparti li qatt ma tat il-kunsens taghha sabiex tali merkanzija tigi rilaxxata minghajr il-poloz ta' karigu li kienu fil-pussess taghha. Fuq kollox ma jirrizultax li s-socjeta' attrici qatt accettat il-klawsola 40 tal-istess, u certament li s-socjeta' konvenuta accettat din il-klawsola ghaliex ghazlet li taghmel dan, pero' dan ma ghandux ikun u ma jistax ikun a riskju tas-socjeta' attrici, ghaliex l-accettazzjoni ta' tali klawsola mis-socjeta' konvenuta sar a riskju ta' din ta' l-ahhar.

Illi gie allegat li l-Bank attur ma mexxiex in bona fede izda din hija kompletament bla fundament anke peress li kull ma ghamel il-Bank attur kien li jipprocedi l-interessi tieghu u dan fis-sens kif deskritt f'paragrafu 8 u 9 tar-risposta attrici ghan-nota ta' kritika tas-socjeta' konvenuta u ghar-ragunijiet spjegati f'din id-decizjoni. Hija x'inhi s-sitwazzjoni xorta wahda jirrizulta li s-socjeta' konvenuta naqset meta kkonsenjat il-merkanzija *de quo* minghajr ma hadet pussess tal-poloz ta' karigu u dan huwa fatali ghas-

socjeta' konvenuta. F'dan il-kuntest huwa validu dak indikat fl-ewwel paragrafu ta' pagna 11 tal-istess risposta attrici a fol.805 tal-process.

Illi ghalhekk in vista ta' dak hawn premess is-sitt eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta qed tigi michuda.

Illi is-seba' eccezzjoni tas-socjeta konvenuta kif inghad tipprovdi li:-

*"Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq esposti fil-konfront tal-eccipjenti t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbali Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici a bazi tal-**Hague Rules** li japplikaw ghall-kaz in kwistjoni in partikolari **paragrafu 2 tal-artikolu 4".***

Illi l-**artikolu 4 (2) tal-Hague Rules** jipprovdi li:-

*"Neither the carrier nor the ship shall be responsible for loss or damage arising or resulting from:-*

*(a) Act, neglect, or default of the master, mariner, pilot, or the servants of the carrier in the navigation or in the management of the ship.*

*(b) Fire, unless caused by the actual fault or privity of the carrier.*

*(c) Perils, dangers and accidents of the sea or other navigable waters.*

*(d) Act of God.*

*(e) Act of war.*

*(f) Act of public enemies.*

*(g) Arrest or restraint or princes, rulers or people, or seizure under legal process.*

*(h) Quarantine restrictions.*

*(i) Act or omission of the shipper or owner of the goods, his agent or representative.*

*(j) Strikes or lockouts or stoppage or restraint of labour from whatever cause, whether partial or general.*

*(k) Riots and civil commotions.*

*(l) Saving or attempting to save life or property at sea.*

*(m) Wastage in bulk or weight or any other loss or damage arising from inherent defect, quality or vice of the goods.*

*(n) Insufficiency of packing.*

*(o) Insufficiency or inadequacy of marks.*

*(p) Latent defects not discoverable by due diligence.*

*(q) Any other cause arising without the actual fault or privity of the carrier, or without the actual fault or neglect of the agents or servants of the carrier, but the burden of proof shall be on the person claiming the benefit of this exception to show that neither the actual fault or privity of the carrier nor the fault or neglect of the agents or servants of the carrier contributed to the loss or damage".*

Illi s-socjeta` konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha (fol. 526) tikkontendi li hija qed tibbaza l-eccezzjoni taghha fuq paragrafu (q) (u dan wara li s-socjeta` attrici gibdet l-attenzjoni ta' dan a fol 416 fin-nota taghha) u dan ghaliex hija qed tallega li ma kellha ebda htija ghax imxiet bil-bona fede skond il-poloz tal-karigu li jinkoporaw ic-*charterparty* li jinkorpora il-klawsola 40.

Illi mill-provi kollha tal-kaz jidher car li ma kienx hemm 'loss or damage' kif previst fl-istess artikolu fuq citat, izda jekk jista' jinghad ghall-grazzja tal-argument li s-socjeta' konvenuta imxiet *in bona fede*, dan ma jbiddel xejn mill-

fatt li dan ghamlitu a riskju taghha galadarba hija hattet il-merkanzija minghajr ma gew prezentati lilha l-poloz ta' karigu u dan iktar u iktar meta l-istess poloz ta' karigu kienu pleggjati mal-bank attur.

Illi fil-kawza **"Middlesea Insurance Company Ltd vs Sullivan Maritime Ltd et"** (P.A. (PS) 12 ta' Mejju 2004), l-Qorti rriteniet li biex din ir-**regola 4 tal-Hague Rules** tapplika u allura sabiex sid il-vapur jirnexxilu jezonera ruhu l-vapur jehtieglu jipprova sodisfacentement li dak li gara ma kienx tort tieghu jew minhabba n-negligenza tieghu. Certament li dan mhux il-kaz fil-kawza odjerna ghaliex is-socjeta' konvenuta kienet konxja sew ta' dak li qed taghmel, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi ghal dik li hija likwidazzjoni ta' danni jirrizulta li dawn huma elenkati fid-dokumenti a fol. 476 sa fol. 513 tal-process u mix-xhieda ta' Patrick Pillon a fol. 198 *et sequitur* tal-process) huma deskritti b'dan il-mod:-

*1. US $ 3,549,017.49 which corresponds to the fair market value of the rye and wheat at time of discharge in Tarragona.*

*2. Interest of 8% p.g. on this amount of USD 3,549,017.49c since 20 of December 2002 (date of arrival of the Smarta in Tarrgona) until date of actual payment by Smarta Navigation to BNP Paribas.*

*3. Legal costs in connection with the arrest of the Smarta in Oran in the amount of EUR 7,7000 plus interest at the rate of 8% per annum since 2 November 2003;*

*4. Legal costs in connection with the arrest of the Smarta in the Netherlands in the amount of EUR 16,513,11 plus interest at the rate of 8% per annum since 9 July 2033;*

*5. Cost for tracking the Smart in the amount of GBP 3,000 plus interest at the rate of 8% p.a. since 29 October 2003.*

Illi dwar id-danni ta' US $3,549,917.49 oltre interessi ta' 8% mill-20 ta' Dicembru 2002 meta l-vapur wasal Tarragona sa l-effettiv pagament, Patrick Pillon (fol. 198 *et sequitur)* x-xhud tal-bank attur jikkontendi li minn dawn iz-zewg tranzazzjonijiet tal-qamh u *rye* l-Bank kellu jircievi US$2,484,828,86 minn Transaction 1, u US$1,064,189,63 minn Transaction 2, total ta' US$ 3,549,017,49. A fol 240 hemm il-kont li s-socjeta' Mark Man Limited harget lil Nidera ghall-gar ta' *Feed rye* li jammonta ghal US$2,484,828.86. Dan huwa datat 8 ta' Jannar 2003 u a fol. 241 hemm il-kont li Mark Man Limited hareg lil Nidera ghal gar ta' feed wheat li jammonta ghal US$1,064.189.36 datat 3 ta' Jannar 2003.

Illi l-ammont ma gie qatt kontradett mis-socjeta konvenuta u fil-fatt gie kkonfermat mid-diretturi tas-socjeta' Mark Man Limited stess u ghalhekk jirrizulta li huwa dovut; is-socjeta' konvenuta izda fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha (fol. 527) tikkontendi li tali hlas ma jistghax jintalab mill-bank ghat-telfien tal-merkanzija. Izda din il-Qorti bhal perit legali ma' taqbilx ma' din l-osservazzjoni ghaliex il-bank attur qed jippretendi li bhala konsegwenza tal-agir tas-socjeta' konvenuta huwa ghandu jithallas is-somma flus li kellu jithallas minn Nidera f'isem Mark Man Limited liema somma huwa ma thallasx taghha ghax is-socjeta' konvenuta hadet ir-riskju li taccetta l-letter of indemnity minghajr garanzija bankarja.

Dwar l-imghax pretiz mis-socjeta' attrici, u cioe', minn meta l-vapur wasal Tarragona fl-20 ta' Dicembru 2002, l-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili li jiddisponi illi "*jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghoddu ipso jure l-imghaxijiet jghaddu minn dakinhar li l-obligazzjoni kellha tigi esegwita*".

Illi l-Perit Legali tosserva li f'pagna 10 u 11 tar-rapport taghha, ix-xhud tal-bank attur spjega li l-ftehim kien li hekk kif il-bank jipprezenta l-bills of lading originali 3/3 lil bank ta' Nidera ABN Ambro Bank fin-Netherlands, Nidera kellha taghmel il-pagament fil-kont ta' Mark Man Limited

fil-bank attur, BNP Paribas. Il-bank baghat id-dokumenti lil ABN AMBRO fit-13 u 14 ta’ Jannar 2003 izda l-pagament ma sarx ghax ABN AMBRO kkontenda li d-dokumenti ma kienux kollha kif suppost u BNP Paribas talab li jinghata lura l-*bills of lading* originali 3/3. Jirrizulta pero` li Nidera thallas minn Mark Man b’set off (Dok AT1) fil-11 ta’ Marzu 2003 (liema *set off* konfermat mir-rapprezentanti ta’ Mark Man) u li ghalhekk, u in vista tal-problemi fid-dokumenti sabiex isir il-hlas, fil-fehma tal-perit legali huwa gust u ekwu li l-imghax jibda jiddekorri mid-dat tal-11 ta’ Marzu 2003 meta sar l-pagament ta’ dan ix-*shipment*. Il-Qorti taqbel ma’ din l-osservazzjoni.

2. Dwar spejjez legali dawn jammontaw ghal: ***EUR 7,700*** *plus interest at the rate of 8% per annum since 2 November 2003****; EUR 16,613,11*** *plus interest at the rate of 8% per annum since 9 July 2033 (fol. 478);* ***GBP 3,000*** *(lira sterlina) plus interest at the rate of 8% pa since 29 October 2003 (fol. 479).*

Illi dawn huma sostanzjati bid-dokumenti fol. 478 sa fol. 482 u ghalkemm mhux konfermati bil-gurament u s-socjeta konvenuta ma ghamlet ebda oggezzjoni ghalihom, dawn jaghmlu prova konkreta li jirrelataw u huma sussegwenti ghall-agir tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk ghandhom jigu mhallsa mis-socjeta’ konvenuta izda l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tenut kont li ma ngabet ebda prova mis-socjeta’ attrici ghajr fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha tat-18 ta’ Dicembru 2007 li kienet ghamlet tali talba qabel lis-socjeta konvenuta ghall-hlas.

3. Dwar l-ispejjez inkorsi f’din il-kawza, is-socjeta` attrici tikkontendi li ghandha tithallas is-somma ta’ **CHF 16726** (swiss francs) oltre l-interessi tal-ispejjez li ghamlet sal-lum relatati mal-ivvjaggjar, akkomodazzjoni ecc. f’Malta; izda l-Qrati taghna dejjem irritenew li tali spejjez ma jistghux jigu kkunsidrati bhala danni naxxenti minn nuqqas tas-socjeta’ konvenuta u inoltre l-prova tal-pagament tal-istess ammonti ma saritx sufficjentement.

Fil-kaz *de quo* s-socjeta` konvenuta ma irnexxielix tipprova dan.

Illi l-provi dokumentarji tad-danni jinsabu a fol 240 u 241, u minn fol. 476 sa fol. 513 tal-process.

1. Dwar id-danni ta' US $ 3,549,917.49 oltre interessi ta' 8% mill-20 ta' Dicembru 2002 meta l-vapur wasal Tarragona sal-effettiv pagament, Patrick Pillon (fol. 198et) x-xhud tal-bank attur jikkontendi li minn dawn iz-zewg tranzazzjonijiet tal-qamh u rye il-Bank kellu jircievi US$2,484,828,86 minn Transaction 1, u US$1,064,189,63 minn Transaction 2, totali ta' **US$ 3,549,017,49**. A fol 240 hemm il-kont li Mark Man Limited hareg lil Nidera ghall-gar ta' Feed rye li jammonta ghal 2,484,828.86 USD. Dan huwa datat 8 ta' Jannar 2003 u a fol 241 hemm il-kont li Mark Man Limited hareg lil Nidera ghal gar ta' feed wheat li jammonta ghal USD1064.189.36 USD. Dan huwa datat 3 ta' Jannar 2003.

Illi l-ammont ma gie qatt kontradett mis-socjeta` konvenuta u kkonfermat mid-diretturi ta' Mark Man Limited stess u ghalhekk jirrizulta li huwa dovut; is-socjeta' konvenuta izda fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha (fol. 527) tikkontendi li tali hlas ma jistax jintalab mill-bank ghat-telfien tal-merkanzija. Pero` fir-rapport taghha l-perit legali osservat li ma taqbilx ma` dan ghaliex il-bank qed jippretendi li konsegwenza tal-agir tas-socjeta' konvenuta huwa ghandu jithallas is-somma flus li kellu jithallas minn Nidera f'isem Mark Man liema somma huwa ma thallasx taghha ghax is-socjeta' konvenuta hadet ir-riskju li taccetta l-*letter of indemnity* minghajr garanzija bankarja.

Illi dwar l-imghax pretiz mis-socjeta' attrici, u cioe', minn meta l-vapur wasal Tarragona fl-20 ta' Dicembru 2002, l-**artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili** li jiddisponi illi:-

"*jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghoddu ipso jure l-imghaxijiet jghaddu minn dakinhar li l-obligazzjoni kellha tigi esegwita*".

Illi jirrizulta f'pagna 10 u 11 tar-rapport tar-rapport peritali li ix-xhud tal-bank attur hemm riportat spjega li l-ftehim kien li hekk kif il-bank jipprezenta l-bills of lading originali 3/3 lill- bank ta' Nidera ABN Ambro Bank fin-Netherlands, Nidera kellha taghmel il-pagament fil-kont ta' Mark Man Limited fil-bank attur, BNP Paribas. Il-bank baghat id-dokumenti lil ABN AMBRO fit-13 u 14 ta' Jannar 2003 izda l-pagament ma sarx ghax ABN AMBRO ikkontenda li d-dokumenti ma kienux kollha kif suppost u BNP Paribas talab li jinghata lura l-poloz ta' karigu originali 3/3. Jirrizulta pero' li Nidera thallas minn Mark Man bi tpacija (Dok. "AT1") fil-11 ta' Marzu 2003 (liema tpacija giet ikkonfermata mir-rapprezentanti ta' Mark Man Limited) u li ghalhekk, u in vista tal-problemi fid-dokumenti sabiex isir il-hlas, fil-fehma tal-perit legali huwa gust u ekwu li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tal-11 ta' Marzu 2003 meta sar il-pagament ta' din il-konsenja.

Illi dwar spejjez legali dawn jammontaw ghal: **€**7,700 bl-interessi legali ta' 8% fis-sena mit-2 Novembru 2003**;** **€**16,613,11 bl-imghax ta' 8% fis-sena minn 9 ta' Lulju 2003 (fol. 478); £3,000 (lira sterlina) bl-interessi ta' 8% mid-29 ta' Ottubru 2003 (fol. 479).

Illi dawn huma sostanzjati bid-dokumenti fol. 478 sa fol. 482 u ma jidhirx li dawn huma kontestati u huma sussegwenti ghall-agir tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk ghandhom jigu mhallsa mis-socjeta' konvenuta izda l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tenut kont li ma ngabet ebda prova mis-socjeta' attrici ghajr fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tat-18 ta' Dicembru 2007 li kienet ghamlet tali talba qabel lis-socjeta konvenuta ghal tali hlas.

Illi dwar l-ispejjez inkorsi f'din il-kawza, is-socjeta attrici tikkontendi li ghandha tithallas is-somma ta' CHF 16,726 (swiss francs) oltre l-interessi tal-ispejjez li ghamlet sal-lum relatati mal-ivvjaggjar, akkomodazzjoni ecc. f'Malta; izda l-Qrati taghna dejjem irritenew li tali spejjez ma jistghux jigu kkunsidrati bhala danni naxxenti minn nuqqas tas-socjeta' konvenuta u inoltre l-prova tal-pagament tal-

istess ammonti ma saritx sufficjentement u fil-grad rikjest mil-ligi.

(a) Is-somma ta' US $ 3,549,917.49 oltre interessi mill-11 ta' Marzu 2003;

(b) is-somma ta' €7,700 bl-interessi mid-data tas-sentenza;

(c) Is-somma ta' €16,613,11 bl-interessi mid-data tas-sentenza;

(d) Is-somma ta' £300 bl-interessi mid-data tas-sentenza.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha fl-istess ammonti hawn indikati.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad is-sitt u s-seba' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa` t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli tad-danni sofferti mis-socjeta' attrici.

2. Tillikwida l-imsemmija danni fis-somma ta' zewg miljuni, sitt mija u hamest elef, wiehed u sittin ewro u tlieta u sittin centezmu (€2,605,061.63) ekwivalenti ghal tlett miljuni, hames mija u disgha u erbghin elf, disgha mija u sbatax – il dollaru amerikan u disgha u erbghin centezmu (US $ 3,549,917.49), bl-imghax ta' 8% mid-data tal-11 ta' Marzu 2003 sal-effettiv pagament; fis-somom ulterjuri ta' sebat elef u seba` mitt ewro (€7,700), sittax-il elf sitt mija u tlettax-il ewro u hdax-il centezmu (€16,613.11) u l-ekwivalenti f'munita ewro ta' tlett mitt lira sterlina (£300) , bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-istess somom mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

3. Tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas l-attur id-danni hekk likwidati skond it-tieni domanda ta’ din is-sentenza fl-ammont ta’ zewg miljuni, sitt mija u hamest elef, wiehed u sittin ewro u tlieta u sittin centezmu (€2,605,061.63) ekwivalenti ghal tlett miljuni, hames mija u disgha u erbghin elf, disgha mija u sbatax – il dollaru amerikan u disgha u erbghin centezmu (US$ 3,549,917.49) bl-imghax ta’ 8% mid-data tal-11 ta’ Marzu 2003 sal-effettiv pagament; u fis-somom ulterjuri ta’ sebat elef u seba` mitt ewro (€7,700), sittax-il elf sitt mija u tlettax-il ewro u hdax-il centezmu (€16,613,11) u l-ekwivalenti f’munita ewro ta’ tlett mitt lira sterlina (£300) bl-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) fuq l-istess somom mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez ta’ din il-kawza kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------